- *Likwidazzjoni ta' danni għal debilita` fiżika*
- *likwidazzjoni ta' lucrum cessans meta vittma tkun mara tad-dar meta seħħ l-inċident u wara ssib impjieg*
- *Art. 1045 tal-Kodiċi Ċivili*
- *In illiquidis non fit mora: ir-regola u l-eċċezzjonijiet*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 18 ta' Frar, 2020.**

**Rikors Ġuramentat Nru. 774/14 GM**

**Mariella Vidal (ID 350974M)**

**vs**

**Micaela Cassar (ID 171193M)**

**Il-Qorti,**

Rat li permezz tar-Rikors Ġuramentat tagħha, l-attriċi wara li ppremettiet illi:

1. Fid-29 ta' Lulju 2012 għal tal-5.30pm seħħ inċident stradali fi Triq il-Mosta, Lija bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni SWT-074 misjuqa

minnha, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBJ-725 misjuqa mill-konvenuta.

2. L-inċident seħħ minħabba li l-konvenuta kienet qed isuq il-vettura tagħha b'velocita` qawwija, tilfet il-kontroll u qabżet fil-karreġġjata tagħha u nvadiet l-karreġġjata opposta li fiha kienet qed isuq l-attriċi. Jirriżulta li l-konvenuta kien qed isuq il-vettura tagħha b'imprudenza kbira, b'mod bla kont, perikoluż u traskurat, b'imperiżja u b'nuqqas sħiħ ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fejn ukoll naqset milli żżomm *a proper look out*, b'mod li b'konsegwenza tal-ħabta, farrket il-vettura tar-rikorrenti u kkaġunat ġrieħi serji lill-attriċi. Għalhekk dan l-inċident seħħ unikament tort tal-istess konvenuta.

3. B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-attriċi sfat debilitata serjament u permanentement, u dan skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat mediku rilaxxjat mill-konsulent ortopediku Mr Jason Zammit, li qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok JZ1, u r-rikorrenti sofriet ukoll danni fil-vettura tagħha li dwarhom ġiet kumpensata mill-assikurazzjoni tagħha, stante li kienet assikurata fuq bażi *fully comprehensive.*

4. Minkejja li l-konvenuta ġiet interpellata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha kkaġunati lill-attriċi f'dan l-incident stradali hija baqgħet inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fid-29 ta' Lulju 2012 għall-ħabta ta' 5.30pm fi Triq il-Mosta, Lija bejn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni SWT-074 misjuqa

ml-attriċi, u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBJ-726 misjuqa mill-konvenuta, u dan għar-raġunijiet premessi fit-tieni paragrafu ta' dan ir-rikors ġuramentat;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi b'konsegwenza ta' dan l-inċident stradali u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-attriċi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-25 ta' Lulju 2014, annessa u mmarkata bħala Dok IF, u bl-imgħaxijiet dekorribbli mid-data tal-istess ittra uffiċċjali, kif ukoll bl-ispejjeż tal-ittra uffiċċjali li ġiet ippreżentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta;

Rat li permezz tar-Risposta Ġuramentata ippreżentata l-konvenuta eċċepiet illi:-

L-attriċi trid tipprova illi:

1. L-eċċipjenti hija l-leġittima kontradittrici għal dak li għandu x'jaqsam mat-talbiet attriċi;

2. L-eċċipjenti hija responsabbli għall-ħlas tad-danni allegatament sofferti minnha fl-inċident stradali li seħħ fid-29 ta' Lulju 2012 għall-ħabta tal-5.30pm ċitat mill-attriċi fir-rikors ġuramentat promoter tal-kawża odjerna.

3. L-eċċipjenti hija responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fid-29 ta' Lulju 2012 għall-ħabta tal-5.30pm ċitat mill-attriċi fir-rikors ġuramentat promoter tal-kawża odjerna.

4. L-allegata debilita`, anke s-serjeta` tagħha, li allegatament soffriet u li din kienet kawża biss tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni.

5. Id-danni kollha allegatament sofferti minnha.

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Novembru 2018 li bih ħatret lill-esperti mediċi Dr Marilyn Casha u lil Mr Massimo Abela sabiex flimkien jistabilixxu r-rata ta' diżabilita` fiżika globali li sofriet Mariella Vidal kawża tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni;

Rat il-verbal tat-2 ta' April 2019 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Mr Massimo Abela u ssostitwitu b'Mr Ivan Esposito bl-istess inkarigu mogħti lilu;

Rat ir-rapporti ppreżentati u maħlufin mill-esperti mediċi Dr Marilyn Casha u Mr Ivan Esposito fid-19 ta' Diċembru 2019;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

**Responsabilta` tal-inċident**

Illi l-inċident seħħ fi Triq il-Mosta, ftit 'il fuq miċ-ċimiterju ta' Ħal Lija, fid-29 ta' Lulju 2012 bejn l-attriċi u l-konvenuta. Meta l-Pulizija marru fuq il-post u ħadu l-ewwel stqarrija tal-partijiet, il-konvenuta stqarret illi kienet qed issuq direzzjoni minn Birkirkara lejn il-Mosta meta tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha u spiċċat fuq in-naħa l-oħra tat-triq b'konsegwenza li ħabtet mal-vettura SWT074 misjuqa mill-attriċi. L-attriċi kienet ġejja mid-direzzjoni opposta u ċjoe` mill-Mosta lejn Birkirkara;[1] kienet għadha kemm ħarget mill-pompa tal-petrol fi Triq il-Mosta meta rat il-vettura tal-konvenuta ġejja lejha mill-karreġġjata l-oħra u kienet qed isserrep. L-attriċi waqfet iżda l-konvenuta xorta baqgħet dieħla ġo fiha u bid-daqqa sabbtet il-vettura tal-attriċi mal-ħajt. Il-bieba tal-vettura tal-attriċi ma setgħetx tinfetaħ u għalhekk inħarget mit-tieqa bl-għajnuna ta' xi nies preżenti. Irriżulta illi l-konvenuta kien ilha biss xahrejn li ġabet il-liċenzja tas-sewqan;

Illi kienet il-konvenuta stess illi fetħet *claim* mal-kumpanija assikurattriċi tagħha u mill-investigazzjoni illi għamlet il-kumpanija ġie konkluż illi Cassar kellha tort u aċċettaw ir-responsabilita` ta' dan l-inċident;

Illi huwa evidenti illi l-konvenuta għal xi raġuni tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha u konsegwentament ħarġet mill-karreġġjata tagħha biex spiċċat ħabtet mal-vettura tal-attriċi. Għalhekk ivvjolat ir-*rule of the road* li żżomm fuq ix-xellug tat-triq. Filwaqt li l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku ma jsarrafx awtomatikament u dejjem f'att ta' negliġenza u, għall-kuntrarju, il-fatt waħdu li sewwieq ikun fuq sajdu ma jfissirx bilfors li ma jkunx negliġenti fis-sewqan tiegħu; jitqies, mal-ewwel daqqa t'għajn, li min ikun qiegħed isuq fuq in-naħa l-

[1] Ara Rapport tal-Pulizija a fol 32.

ħażina tat-triq ikun negliġenti. Skont **Andrew Dewar Gibb**[2] – awtur klassiku f'materja ta' sewqan ta' vetturi bil-mutur:

"*Generally speaking, when an accident occurs the motorist whose car is on the wrong side of the road is usually responsible for the damage sustained by a pedestrian or by one whose vehicle was travelling on the proper side unless the violation of the rule of the road was not the proximate cause of the accident or unless some valid excuse is given for such violation. The reason for this is that one travelling on the wrong side of the road is held to a higher degree of care than if he were following the proper course,* ***and a prima facie case is made out when the violation is proved***[3]***"***;

Illi l-konvenuta għażlet li ma tagħtix il-verżjoni tagħha lil din il-Qorti dwar kif seħħ l-inċident. Għalhekk żgur li m'għelbitx il-preżunzjoni ta' responsabilita` li hemm kontriha. Mhux biss imma. Hija mhux talli marret għal fuq in-naħa l-ħażina tat-triq, imma hi u tagħmel dan bdiet isserrep min-naħa għall-oħra tat-triq. Sinjal ċar li kienet tilfet il-kontroll tal-vettura. Indizju ieħor, dan, ta' negliġenza jekk mhux ukoll ta' sewqan bla kont. Fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħha, hija ssemm bħala skużi l-eta` tenera tagħha kif ukoll li kellha x-xemx f'għajnejha. Jekk xejn, iżda, dawn il-fatturi jimmilitaw kontriha u mhux favuriha. L-eta` tenera tipponta għal nuqqas ta' esperjenza u ta' kapaċita` fis-sewqan. Ix-xemx ma semmithiex fir-risposta ġuramentata tagħha u lanqas tissemma' fil-verżjoni li tat *a tempo vergine* lill-pulizija (fol 34). Għalhekk mhix ippruvata. Anke kieku kienet ippruvata, ma kinitx teżonera lill-konvenuta. Min ikollu x-xemx f'għajnejh irid jeżerċita kura saħansitra ikbar fis-sewqan. Min-naħa l-oħra, l-ebda ksur tar-regolamenti; l-ebda imperizja u l-ebda negliġenza ma ġiet

[2] The Trial of Motor Car Accident Casese, 2 ed., London, 1938, Sec. 33

[3] Chaplin v Hawes (1828) 3 C. & P. 554

ippruvata da parti tal-attriċi. Għalhekk il-Qorti hija moralment konvinta li l-konvenuta li għandha tinżamm unikament responsabbli għall-inċident;

**Likwidazzjoni tad-danni**

***Damnum Emergens***

Illi għal dak li jirrigwarda id-*damnum emergens* l-attriċi ppreżentat għadd ta' rċevuti li jikkonsistu f'xiri ta' mediċini, trasport, tobba, sptarijiet u servizzi ta' għajnuna domestika għall-valur totali ta' €4,165.33. Għalkemm ma ppreżentat l-ebda irċevuti fiskali għas-servizz tal-għajnuna domestika, huwa verosimili illi tassew utilizzat din l-għajnuna minħabba l-kundizzjoni li sabet ruħha fiha speċjalment meta għamlet xhur ma tistax tniżżel sieqha x-xellugija mal-art u lanqas setgħet titfa' piż fuq saqajha. Sussegwentament kellha tibqa' tuża' l-krozzi għal xhur twal u għalhekk huwa raġunat illi ma setgħetx tagħmel ċertu faċendi tad-dar ta' strapazz minħabba l-inċident. Apparti minn hekk il-prezz hu wieħed raġonevoli għall-aħħar tenut kont tas-siegħat ta' xogħol tal-fattiga;

Għalhekk taħt dan ir-ras ta' danni, tirriżulta dovuta s-somma ta' **€4,165.33**;

***Lucrum Cessans*:**

Illi huwa ndikuss illi f'każijiet konsimili l-prinċipju konsegwit hu dak tar-*restitutio in integrum*, fis-sens illi "l-iskop tal-ħlas tad-danni huwa dak li terġa' tpoġġi lil min ikun soffrihom fil-pożizzjoni daqs li kieku huwa ma ġralu xejn. Naturalment huwa ferm iktar faċli li ssir il-prova tad-danni emergenti, iktar u iktar dawkli jkunu diġa` seħħew sakemm l-attur iressaq il-provi tiegħu, milli dawk

futuri, fosthom it-telf ta' qliegħ previst. Fi kliem l-awtur **Giovanni Visintini** [4] kiteb hekk dwar il-likwidazzjoni tad-danni:-"*In definitiva, il danno puo' sempre atteggiarsi come danno emergente e come lucro cessante e l'unica differenza tra I due elementi dal danno sta nella maggiore difficolta' di prova inerente al lucro cessante, con il risultato che questa figura di danno si prestera' piu' facilmente ad essere soggetta ad* ***una valutazione equitattiva****" (paġna 512)*;

Illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi bdiet taħdem xi żmien wara l-inċident minkejja l-ġriehi li ġarrbet. Il-konvenuta, fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħha, tistieden lil din il-Qorti tinjora l-ġurisprudenza li takkorda danni għal telf ta' qliegħ futur meta fil-fatt is-sinistrat ikollu mpjieg. Tabilħaqq, il-kunċett ta' *lucrum cessans* hu suppost relatat mat-telf ta' qliegh li d-debilita` ġġib fuq id-danneġġjat. Tant hu hekk li l-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi li d-danneġġjat għandu d-dritt li jirkupra wkoll "**it-telf ta' qliegh** li tbati 'l quddiem minhabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib";

Illi huwa minnu li madankollu l-Qrati qegħdin xorta jakkordaw danni *lucrum cessans* fejn l-attur ikun kompla jaħdem u jidher biċ-ċar li matul iż-żmien din l-interpretazzjoni twessgħet, fis-sens li dawn it-tip ta' danni jinghataw **anke fejn id-danneggat jibqa' fl-istess impjieg li kellu qabel l-inċident**. Hekk per eżempju ġara fil-kawża fl-ismijiet **Edgar Gatt vs Oliver Theuma** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1987 (Kollez. LXXI.ii.135 fejn il-Qorti ssottolinejat li "dik id-diżabilita` permanenti **tista' dejjem tkun ta' xkiel għalih fil-futur li jimmiljora l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu**, u kwindi għal din ir-raġuni huwa intitolat għad-danni li jista' jsofri bhala konsegwenza tagħha". F'dan is-sens ukoll hi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża **Michael Balzan vs Lawrence Ciantar noe** deċiża fis-17 ta' Frar 2006. L-istess gara fil-

[4] Trattato Breve della Responsabilita` Civile, Cedam 1996

kawża fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deċiża fit-3 ta' Dicembru 2004 fejn saħansitra l-attur sab impjieg (fi żmien l-inċident kien għadu qiegħed jistudja) u ma kienx mistenni li d-debilita` tiżdied fil-futur. F'dik il-kawża l-Qorti rriduċiet l-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti meħud in konsiderazzjoni ta' dawn il-fatti u ma kkumpensatx lid-danneġġjat għall-perjodu kollu tal-ħajja lavorattiva tieghu. Il-Qrati tagħna addottaw dawn il-prinċipji bi tħaddim qawwi tal-prinċipju tal-ekwita`. Il-liġi tagħna diġa` ma tagħti l-ebda kumpens għad-danni morali f'każijiet bħal dawn u ċioe` ma tagħti l-ebda kumpens għall-uġiegħ u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti neċessarjament jgħaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' ħajja li min ikollu debilita` permanenti neċessarjament ikollu jgħaddi minnha. B'hekk il-Qorti tkun qiegħda twettaq inġustizzja fir-rigward tal-appellat jekk ma' tatiħx kumpens adegwat għad-dannu li sofra". Każijiet oħra huma **Susan Davies et vs Anthony Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imħallef Noel Arrigo) fl-10 ta' Ottubru 1997 u Joseph Caruana vs Joseph Gafa deciza fid-29 ta' Mejju 1998 mill-istess Qorti, fejn ukoll intlaqgħet talba għall-hlas ta' danni minkejja illi d-danneġġjat kien kompla b'xogħolu. F'dawn iż-żewġ sentenzi l-Qorti esprimiet il-perplessita` tagħha dwar dak li jingħad fil-liġi u l-interpretazzjoni li kienet qegħda tingħata mill-Qrati u ma naqsitx milli tikkritika s-sistema li kienet qegħda tiġi addottata, u waslet għall-konklużjoni li "fl-iżvilupp preżenti tal-ġurisprudenza tagħna huwa forsi neċessarju li l-bżonn ta' ċertezza u nuqqas ta' ambigwita' jimponu teorija li tesiġi li kull tip ta' disabilita` permanenti twassal ghat-telf futur fil-proporzjon tal-persentaġġ tagħha";

Illi filwaqt li din il-Qorti mhix marbuta bid-dottrina tal-preċedent, ma tħossx li hemm raġuni impellenti sabiex tiddiskosta ruħha mill-ġurisprudenza anterjuri, anke għaliex xorta waħda tista' tirpoża d-deċiżjoni tagħha entro l-parametri artifiċjali posti mil-liġi tagħna f'dan ir-rigward. Parametri li mhux tassew iwasslu

dejjem għar-*restitutio in integrum*. Dan għaliex, għalkemm il-ġrad ta' inkapaċita` fiżika mhux bilfors jikkorrispondi għall-istess grad ta' inkapaċita` industrijali, ossia l-kapaċita` li wieħed jaqla' l-flus jew b'xi mod ieħor iżid ġidu permezz tal-ħidma lavorattiva – eżempju klassiku huwa l-pjanista li jitlef sebgħajh iż-żgħir ta' idu x-xellugija imqabbel ma' bajjad li jitlef l-istess sebgħa u jkun *right-handed* b'mod li din it-telf xejn ma tfixklu f'xogħlu – b'mod ġenerali jista' jingħad li ż-żewġ forom ta' inkapaċita` jikkorrispondu jew almenu jqarrbu lil xulxin. Ċertament ma jistax jingħad fil-każ preżenti, li ma ġarax li l-inkapaċita` fiżika tal-attriċi naqqsitilha b'mod korrispondenti l-kapaċita` li taħdem u taqla' l-għixien tagħha;

Illi l-attriċi mad-daqqa ħasset qtugħ ta' nifs, uġigħ fid-dirgħajn u riġlejn, u ħareġ id-demm minn l-irkupptejn. Ittieħdet permezz ta' ambulanza lejn Mater Dei fejn wara analżi klinika u radjoloġika instab li kellha ksur fil-polz tax-xellug, ksur fl-għarqub tax-xellug, ksur fis-sebgħa ż-żgħir tas-sieq il-leminija, laċerazzjoni fiż-żewġt irrkoptejn u tbenġil fil-parti ta' quddiem tas-sider. L-attriċi inżammet l-isptar għal aktar kura u ġiet operata fis-sieq tax-xellug la darba niżżlet in-nefħa fejn tpoġġiet pjanċa tal-metall. Il-ksur fil-polz ġie trattat fil-ġibs. Damet l-isptar għal għaxart ijiem;

Illi m'hemmx dubju li l-inċident tat-traffiku kellu mpatt negattiv fuq il-ħajja tal-attriċi. Għall-bidu kellha tuża' siġġu tar-roti għal erba' xhur peress li l-polz tax-xellug kien miksur u għalhekk ma setgħetx tuża l-krozzi. Wara użat il-krozzi sa Jannar 2013. Kienet tattendi fiżjoterapija iżda wara ċertu żmien il-fiżjoterapista tagħha Josef Pace waqqaf it-terapija għax ma baqax ikun hemm progress u ġiet riferuta għal *hydro therapy* biex l-għawm ikun jista' jgħinha;

Illi l-pjanċa fl-għadma tal-għaksa tax-xellug kellha titneħħa sentejn wara minħabba l-uġigħ. L-attriċi għadha tħoss uġigħ fil-parti ta' wara tal-għaksa tax-xellug, tbati minn nefħa fis-sieq tax-xellug, uġigħ matul il-lejl, tbati biex titla' u tinżel it-taraġ ukoll meta tiġi għat-telgħa. Ma tistax timxi fit-tul minħabba uġigħ li jwaqqafha. Kienet tħobb timxi u tiġri iżda kellha twaqqaf kollox. Issa tuża l-għawm bħala eżerċizzju. L-uġigħ huwa kontinwu u jkolha tieħu ħafna pilloli biex tnaqqas l-uġigħ speċjalment bil-lejl. L-attriċi għadha zzappap;

Illi apparti dan kollu, meta seħħ l-inċident, ulied l-attriċi kienu għadhom żgħar bl-eta` ta' seba' snin u disa' snin u kellhom bżonn attenzjoni kontinwa u għalhekk inħolqilha nkonvenjent kbir dwar kif se tieħu ħsieb lil uliedha tenut kont illi kien fix-xhur tas-Sajf u ma kellhomx skola;

**Rata ta' diżabilita`**

Illi jmiss li l-Qorti tistabbilixxi l-persentaġġ ta' diżabilita` li ssofri l-vittma bħala konsegwenza tal-inċident. L-attriċi ppreżentat rapport *ex parte* redatt minn Mr Jason Zammit[5] fejn ikkonstata illi l-attriċi kien għadha tbati minn uġiegħ fl-għarqub sieqha x-xellugija u jista' jkun li fil-futur ikollha bżonn ta' ntervent kirurgiku jissejjaħ *hind foot fusion*. Jiddubita kemm l-attriċi tista' terġa' tiġi timxi normali minħabba l-kundizzjoni tal-ksur li kellha. L-operazzjoni li semma' tnaqqas l-uġiegħ imma hemm 80% ċans li tibqa' zzappap meta timxi. Huwa kkalkula rata ta' diżabilita` ta' 20%;

Illi l-espert ortopediku mqabbad minn din il-Qorti, Mr Ivan Esposito niżżel fir-rapport tiegħu[6] illi l-attriċi daħlet għall-vista timxi zzappap. Konsegwenza tal-inċident in kwistjoni kellha ksur fl-għadma tal-*calcaneum* fuq in-naħa tax-xellug

[5] Fol 5.
[6] Fol 261.

u għadha tbati minn sintomi serji li jaffettwaw il-ħajja normali u l-kwalita` tal-ħajja tagħha għax qed iżommuha lura milli tagħmel attivitajiet li kienet kapaċi tagħmel qabel. Irrimarka ukoll illi minħabba n-natura ta' ksur li ġarrbet, hemm possibilita` kbira li jkollha tagħmel operazzjoni ta' *fusion* fis-sieq tax-xellug sabiex wieħed ikun jista' jikkontrolla l-uġigħ. Attribwixxa diżabilita` permanenti ta' 20%;

Illi il-Qorti ħatret ukoll lil Dr Marilyn Casha bħala espert mediku li hija konsulent fl-*Interventional Pain Management*. Dr Casha ikkonstatat illi hemm '*secondary to severe nerve damage along the left lateral malleolus. Pain following trauma to the ankle is notoriously difficult to treat in view of the rich nerve supply around the area. The severity of the pain will undoubtedly be a major hindrance for this lady in her ability to conduct her activities of daily living*'[7]. Minħabba l-uġigħ li qed issoffri minnu l-attriċi, Dr Casha attribwixxiet rata ta' diżabilita' ta' 20%;

Meta ħatret il-periti mediċi, din il-Qorti, permezz tal-provvediment tas-26 ta' Novembru 2018 (fol 231), ħatrithom sabiex "flimkien jistabilixxu r-rata ta' diżabilita` fiżika **globali** li sofriet Mariella Vidal kawża tal-inċident awtomobilistiku tad-29 ta' Lulju 2012". Għalhekk id-diżabilita` ta' 20% li jirreferu għaliha t-esperti mqabbdin minnha – kif ukoll l-espert *ex parte* mqabbad mill-attriċi stess - hi dik globali, u mhux ristretta għal xi parti jew xi funzjoni partikolari tal-ġisem. Għalhekk mhux il-każ li jiġi applikat il-*weighted average,* kif tippretendi l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Għalhekk din il-Qorti se tadopera dan il-persentaġġ ta' diżabilita.

***Multiplier***

[7] Fol 269.

Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-attriċi huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba tal-attriċi qegħda tinbena. Il-kwestjoni tal-*multiplier* li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-attriċi jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa;

Fil-każ preżenti, jidher li l-attriċi fiż-żmien tal-inċident kellha disgħa u tletin (39) sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 20 sena[8];

**Paga**

Illi rigwardanti l-introjtu tagħha, l-attriċi ppreżentat biss kopja tal-FS3 għas-sena 2008 b'introjtu ta' €15,303 u għas-sena 2016 b'introjtu ta' €18,453.48 u ma ppreżentat l-ebda prova dwar l-introjtu tagħha fiż-żmien tal-inċident (2012). Waqt li kien qiegħed isirilha l-kontro-eżami, mistqosja x'tip ta' mpjieg kellha meta seħħ l-inċident, hija kienet evasiva u stqarret li ma tiftakarx. Meta d-difensur tal-konvenuta ppressha aktar, stqarret li kienet mara tad-dar. Apparti minn hekk fuq il-polza t'assikurazzjoni, l-attriċi tat informazzjoni illi hija mara tad-dar[9];

Illi meta l-vittma ta' nċident ma tkunx taħdem bi qligħ fiż-żmien li l-inċident iseħħ, il-prattika hi li jingħata valur għax-xogħol tad-dar li hija tkun tagħmel u li dan il-valur jintrabat minn tal-anqas mal-paga minima li tkun tgħodd għal dak iż-żmien.[10] Fil-każ in eżami, wara l-inċident, l-attriċi bdiet taħdem u għalhekk kellha ntrojtu ogħla minn dak tal-paga minima. Din il-Qorti se tieħu in

[8] Ara tabella ndikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[9] Borg pro et noe –vs- Muscat, Prim' Awla, Qorti Civili, 09.01.1973
[10] 8.03.2012. 8 P.A. 30.11.2001 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Schembri v David Tanti.

konsiderazzjoni dan il-fatt kif xieraq. Għaldaqstant ser tiġi kkalkolta il-paga minima mis-sena tal-inċident (2012) sakemm bdiet taħdem (2016):

Paga minima fl-2012 – €158.11[11] fil-ġimgħa ammontanti għal €8,221.72

Paga minima fl-2013 – €162.19[12] fil-ġimgħa ammontanti għal €8,433.88

Paga minima fl-2014 – €165.68[13] fil-ġimgħa ammontanti għal €8,615.36

Paga minima fl-2015 – €166.26[14] fil-ġimgħa ammontanti għal €8,645.52

Total – **€33,916.48**

Illi mill-kopja tal-FS3 esebita[15] jirriżulta li l-attrici fis-sena 2016 kellha dħul gross ta' €18,453.48 u dħul nett ta' €15,426.12. Din il-paga trid tiġi aġġustata għall-għoli tal-ħajja għall-perjodu rimanenti tal-*multiplier*[16] (16-il sena). Is-salarju tal-attrici irid jiġi aġġustat ukoll skont ir-rata tal-inflazzjoni[17], li bħala medja f'dawn l-aħħar ħames snin kienet ta' 1.18% fis-sena[18] sabiex it-telf futur tal-attriċi qiegħed jiġi kkalkulat fuq is-salarju medju tagħha aġġustat għall-għoli tal-ħajja ta' €15,426.12 + €18,339 / 2 = €16,883. Hu dan l-ammont ta' salarju bażiku li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

---

11 S.L 452.71 - National Minimum Wage National Standard Order.

12 Ibid

13 Ibid

14 Ibid

15 Fol 161.

16 Fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Emanuel Zahra vs. Patrick Vassallo, mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti qalet hekk dwar il-kunċett tal-multiplier: "Fil-kalkolu tal-multiplier wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni mhux il-life expectancy tad-decujus, iżda l-ħajja lavorattiva tiegħu, in-natura u s-saħħa tiegħu, li tista' tvarja minn bniedem għal bniedem minħabba dawk iċ-ċirkostanzi li jissejħu the 'chances and changes of life'. Wieħed irid jeżamina l-earning capacity tal-individwu, rigward tal-mard kif kontrobilanċjat mill-istat ta' saħħa tad-diżgrazzjat. Illi għalhekk il-multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat, iżda fuq l-aspettattiva lavorattiva tiegħu u għandu jieħu in kunsiderazzjoni taċ-chances and changes of life."

17 F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe, il-Qorti stabbiliet illi, "meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier."

18 Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.18%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont in-National Statistics Office {1.10%(2015) + 0.64%(2016) + 1.37%(2017) + 1.16%(2018) + 1.64%(2019) ÷ 5= 0.96%}.

**Lump Sum Payment**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra:

"Illi l-Qorti mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat." Iktar u iktar billi issa għaddew kważi tmien snin mid-data tal-inċident[19];

Illi abbażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat bil-mod segwenti:

Paga minima mill-2012 -2015 = €33,916.48;
Paga mill-2016 sal-eta` tal-irtirar = €16,883 x *multiplier* ta' 16-il sena x 20% diżabilita` = €54,026;

Illi in vista tal-elenku indikat fil-paragrafu preċedenti, l-ammont ta' danni relattiv għall-*lucrum cessans* hu hekk stabbilit fl-ammont ta' **€87,942.48** flimkien mal-ammont ta' **€4,165.33** bħala *damnum emergens* ;

[19] Trevor Grech v Lawrence Agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17.10.2018.

**Data tal-bidu tad-dekorriment tal-imgħax**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, l-attriċi tippretendi li flimkien mas-somma likwidanda, kellu jiddekorri l-imgħax sa mill-25 ta' Lulu 2014 – data tal-(preżentata tal-) ittra uffiċċjali, u dan abbażi ta' ġurisprudenza estensiva minnha ċċitata. Dwar dan il-punt tad-*dies a quo* tad-dekorrenza tal-imgħax, sfortunatament, il-konvenuta hija siekta għal kollox fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha. Permezz tar-rikors promotur tagħha, l-attriċi talbet il-likwidazzjoni tad-danni. Ma ndikat l-ebda ammont fiss, anke jekk kontestwalment mar-Rikors Ġuramentat esebiet l-ittra uffiċjali in kwistjoni imnejn jirriżulta li talbet (bla preġudizzju) is-somma fissa ta' €77,112; konsistenti f'€3,060.48 għal damnum emerġens u €91,800 għal lucrum cessans, ibbażata fuq ir-rata ta' 20% stabbilita mill-espert mediku minnha mqabbad. Jidher mill-ġurisprudenza ċċitata mill-attriċi, li hija qed tippretendi li huwa l-każ li ssir eċċezzjoni għall-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*;

Illi l-liġi tagħna ma titkellimx espressament dwar dan il-prinċipju. B'danakollu, skont **l-Art. 1139 tal-Kodiċi Ċivili** (Kap 12), "jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett **il-ħlas ta' somma determinata**"[20] jiskattaw id-danni fil-forma ta' imgħax meqjus bit-8% fis-sena. Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi jista' jiġi korrettement argumentat, *a contrario sensu*, li l-imgħax ma jiskattax jekk ma jkunx hemm somma determinata, kif ikun il-każ meta s-somma tkun jinħtieġ li tiġi likwidata. "Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat"[21].

Illi jekk ammont hux determinat jew illikwidu huwa dejjem riferibbli għall-

[20] l-enfasi ġiet miżjuda mill-Qorti

[21] **Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani** ***et*** (16 ta' Dicembru, 1991):

pretensjoni avvanzata fit-talba tal-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti[22].

Illi r-*ratio* tal-massima *in illiquidis non fit mora* jew fi kliem ieħor *in illiquidis mora non contrahitur, mora non committitur in illiquidis et incertis* huwa li *non potest improbus videri, qui ignorant quantum solvere debeat*: ċjoe` "jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u minhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruż fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***"[23] għaliex ma jkunx jaf kemm għandu jagħti. Dan il-prinċipju ġie enunzjat minn parti mid-dottrina Taljana[24]; u ġie applikat ta' spiss mill-ġurisprudenza tagħna[25];

---

[22] **Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani** ***et*** (16 ta' Dicembru, 1991):

[23] Maria Lourdes Brincat v Giuseppe Brincat (Ċit. Nru. 448/87) per Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco 17.03.2010

[24] Bianca, *Dell'Inadempimento delle obbligazioni, Comm. SB 196* li jafferma li "*in linea di principio, non potrebbe darsi costituzione in mora rispetto ad un credito illiquido".* Skont Giorgio Cian u Alberto Trabucchi, *Commentario Breve al Codice Civile, 13th ed., 2018*, dwar Art. 1219 tal-istess Kodiċi (paġna 1304): "*l'indeterminatezza del credito costituisce un impedimento alla prestazione"*

[25] **Salvatore Camilleri** ***noe*** **vs Candida Dimech** ***ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi: "*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*"

**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli** ***noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi: "*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

**Filippo Farrugia Gay vs Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali** ***noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi: "*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

Vincente **Grech et vs Onor. Prof. AIC John Gatt** ***noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi: "meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

**Maria Ellul Bonnici** ***et*** **vs Felice Mercieca** ***et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla: "L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal- likwidazzjoni u

Illi b'danakollu dan il-prinċipju m'huwiex wieħed assolut. Għandu jitqies li sakemm ma jkunx għaddej l-imgħax, il-kreditur ikun qiegħed jiġi mċaħħad mill-patrimonju tiegħu. Għalhekk kemm id-dottrina kif ukoll il-ġurisprudenza jammettu eċċezzjoniji għal dan il-prinċipju meta d-debitur ikun jaħti għad-dewmien fil-likwidazzjoni: *in illiquidis mora non contrahitur nisi culpa debitoris liquidatio differatur.*[26] Mhux biżżejjed li d-debitur joħroġ tellief fil-kawża. Lanqas jekk id-dewmien fil-proċedura ġudizzjarja jkun minħabba l-kors odrinarju tal-affarijiet, u mhux bi ħtija tad-debitur[27]. Jinħtieġ li l-kontestazzjoni tiegħu tkun vessatorja jew malizzjuża, b'mod li jkun hemm lok għall-massima *malitiis non est indulgendum.*[28] Il-massima ma tapplikax meta d-debitur ikun jaf sew kemm hu l-ammont dovut (minkejja li t-talba tkun għal-likwidazzjoni)[29]; jew meta d-debitu jkun ta' faċili likwidazzjoni jew fejn il-kontestazzjoni tad-debitur tirriżulta li tkun pinjola jew addirittura frivola[30]. Intqal li dan ma jkunx il-każ meta d-debitur ikun qiegħed jiffaċċja proċeduri kriminali. Il-liġi ma tippermettix li għandu jsir taħt it-theddida ta' żieda fil-quantum tad-danni da

---

ta' l-approvazzjoni taghha".

**William Sare` vs Carmel sive Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

**Anthony Buhagiar** ***pro et noe*** **vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

[26] Tagħlim tas-Sabelli, Summa Mora, n. 4 u Leotardi, De Usuris, quaest. 84, n. 1 u 6, iċċitat mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) in re: Victor Savona v Dr. Peter Asphar 23.06.1952 Kollez. XXXVI.i.181 (ara p. 188). Applikaw dan il-prinċipju fost l-oħrajn XVIII.ii.431; XIX.i.83; XX.308; XXXI.i.84 u XXXI.i.84. Ara wkoll il-Giorgi, Teor. Obblig. Vol III.202 u Kollez. LXXXI.i.359 Schembri v Dr. L. Buhagiar 28.02.1997; Psaila v Spiteri 12.02.1965 Qorti tal-Appell; Robert Borg v Carmelo Sullivan 12.02.1970 Qorti tal-Kummerċ ikkonfermata fl-Appell fis-26.10.1970; Perit Joseph Barbara v Perit Louis Naudi 05.03.1979 Qorti tal-Appell; Mary Briffa v Stella Camilleri 12.02.1980 Appell Civili

[27] Savona v Asphar suċċitata

[28] XXXI.i.84 suċċitata

[29] Claire Borg v Victor Sammit 27.02.2008 App. Inf. Ċċitat fl-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili, Vol E-J, Voce Imgħax paġna 436

[30] Antonio Buttigieg v Salvatore Said 15.01.1952 Prim'Awla Kollez. XXXVI.iii.601; Evarist Psaila v Giuseppe Spiteri 12.02.1965 Appell Civili; Mary Boffa v Stella Camilleri 12.02.1980 Appell Civili

liquidarsi minn persuna li hi preżunta innocent sakemm tiġi misjuba ħatja[31]. L-imgħax ġie ddikjarat li beda jimxi mid-data, fil-mori tal-kawża, li fiha l-ammont definittiv sar magħruf[32]. Il-fatt waħdu li l-kreditur jippretendi somma fissa ma jfissirx li l-ammont ikun determinat. Iċ-ċertezza għandha tirriżulta minn dak oġġettivament dovut lilu. L-ebda mgħax ma jkun dovut fejn il-Qorti takkorda ammont inqas fejn kien diffiċli jekk mhux impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni ġudizzjarja fil-kawża u sakemm dan isir.[33] L-imgħax jibda għaddej meta l-ammont seta jiġi faċilment determinat fi stadju bikri tal-proċeduri[34] jew meta jiġi likwidat mill-qorti ta' Prim'Istanza[35];

Illi fil-każ preżenti, id-difiża tal-konvenuta ma jistax jingħad li kienet kappriċċuża. In-nuqqas li tammetti r-responsabilita` kien skużabbli minħabba l-proċeduri kriminali pendenti. F'każ bħal dan – li jinvolvi *lucrum cessans* li min-natura tiegħu jirrendi l-ammont reklamat inċert għax ibbażata fuq tbassir tal-futur – ma jistax jingħad li l-ammont kien determinat, jew faċilment determinabbli. Lanqas jirriżulta li l-konvenuta tawwlet il-proċeduri bla bżonn; il-kawża li ilha 6 snin, damet għal diversi fatturi fosthom l-attentat ta' transazzjoni. L-attriċi għalqet il-provi tagħha fit-31.07.2018. Anke jekk kien hemm rapport mediku ex parte li ddetermina (korrettement kif irriżulta mir-rapport tal-perit ġudizzjarji maħtura waqt din il-kawża) r-rata ta' diżabilita`, dan ma jfissirx li l-konvenuta kellha toqgħod fuq dan ir-rapport ikkummissjonat ex-parte mill-attriċi; anke billi kif inhu magħruf, ta' spiss l-esperti mediċi ma jaqblux ma' xulxin dwar ir-rata ta' diżabilita`. Għalhekk din il-Qorti ma tarax għalfejn għandha tiddipartixxi mill-

---

[31] Josephine Schembri v Nathalie Navarro 30.03.1998 iċċitata fl-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili (Vol E-J ), Voce Imgħax, paġna 433

[32] Antony Busuttil v Anton Camilleri 16.03.2016 Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħ. Anthony Ellul)

[33] William Sare v Carmel Sammut 29.05.1998 Qorti tal-Appell; Anthony Buhagiar v Edward Scerri 30.03.2001 Qorti tal-Appell

[34] Perit John Gambina v Fithome Ltd 06.05.2011 Qorti tal-Appell

[35] Anthony Turner v Francis Agius 28.11.2003; Pacifiko Bezzina v Victor Buttigieg 05.04.2013 Qorti tal-Appell

applikazzjoni tal-massima ta' *in illiquidis non fit mora*;

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

1) tiddikjara illi l-inċident imsemmi fir-rikors ġuramentat fi Triq il-Mosta, Lija fit-29 ta' Lulju 2012 seħħ unikament tort tal-konvenuta Micaela Cassar;

2) tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi fis-somma ta' €92,107.81;

3) tikkundanna lill-konvenuta Micaela Cassar tħallas is-somma ta' €92,107.81;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali 25 ta' Lulju 2014 u bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA